



Brussell, 25 ta' April 2025

CM 2435/1/25
REV 1

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0037(NLE)
2025/0038(NLE)

ANTIDISCRIM
COCON
COHOM
COPEN
DROIPEN
EDUC
FREMP
JAI
MIGR
SOC

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: wp-frempp@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.6219

Suġġett: - DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni

- DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

= *Adozzjoni*

= *Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub*

= *Estensjoni tal-iskadenza sat-Tnejn, 28 ta' April 2025, 15:00 (ħin ta' Brussell)*

Wara d-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) fis-16 ta' April 2025 biex tintuża l-proċedura bil-miktub (ara d-dokument 7903/25), intom mistednin tiddikjaraw jekk taqblux mal-adozzjoni ta':

- a) id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7294/25.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI

U

- b) id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7295/25.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI

It-tweġibiet bil-posta elettronika lil WP-FREMP@consilium.europa.eu għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **it-Tnejn 28 ta' April 2025 sat-15:00** CET (ħin ta' Brussell).

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija.